Ref: 17/6/194/13

KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

**Minuti tal-Laqgha Nru. 17 tas-Sitt Legislatura**

Il-Kunsill ltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-knisja, Paola nhar il-Hamis 7 ta' Frar 2013. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, il-Kunsilliera Rita Delezio w il-Kunsillier Tyrone Muscat.

Il-Vici-Sindku Dominic Grima w il-Kunsillier Raymond Attard kienu skuzati. Il-membri tal-Kunsill accettaw li jkunu skuzati fuq ragunijiet personali.

Il-Kunsillier Steven Axisa dahal fis-6.30pm.

Ghal-laqgha kien prezenti l-accountant tal-Kunsill Lokali Paola, is-Sur Anthony Chircop.

Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia.

Is-Sindku talab sospensjoni ta' l-agenda u jigi diskuss item 3.

3) ***Financial Statements***

3.1 – Is-Sur Anthony Chircop ta spjegazzjoni tal-*financial statements*, u dawn gew approvati unanimament.

3.2 - Il-Kunsillier Steven Axisa dahal fis-6.30pm.

3.3 – Saret diskussjoni dwar l-iskema PPP. Is-Sindku ppropona li jinbeda l-process tat-toroq tal-PPP. ~~Tender konkos~~.

1) **Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Urgenti Nru .16 tas-Sitt Legislatura**

**Materji Konnessi**

1.1 – Re: Item 3.4.1 – Is-sindku qal li nhar il-Gimgha 1 ta' Frar 2013 saret laqgha dwar timed parking scheme mar-residenti ta' Triq il-Qalb ta' Gesu'. Hu zied jghid li r-residenti ma qablux li jinqeleb il-parking.

1.2 – Re: Item 3.6 - Il-Kunsillier Tyrone Muscat qal li ntbaghtet e-mail lis-Segretarja tal-Muzew fejn tlabna permess biex il-Wirja ta' Kurcifissi ghall-Gimgha l-Kbira ssir fid-dar tal-Muzew.

1.3 – Is-Sindku qal li ghada ser ikun hemm laqgha mar-residenti ta' l-akwata ta' Gallarija u li fil-gimghat li gejjin ser isiru laqghat ukoll man-nies li joqoghdu fil-bini tal-Gvern.

1.4 – Re: Item 3.7 – Il-Kunsillier Muscat qal li x-xoghol fil-funtani ser jibda aktar tard u li nxtrat il-pompa tal-funtana ta' Gnien Lorry Sant.

1.5 – Re: Item 3.8 – Is-Sindku qal li kellu laqgha mas-Sur Chrysander Agius dwar il-process sabiex jinbeda l-process ghall-ewwel edizzjoni tal-magazin Lehen Paola u ghandu jibghat xi affarijiet dwar il-magazin u l-ktieb ser johrog f'nofs Marzu.

1.6 - Is-Sindku qali li l-Kunsillier Lynch kien semma' li hemm bzonn li jsir xi haga hdejn is-Suq ghax in-nies kienu qed jeghrqu bl-ilma, u nforma li sar kanal mill-haddiema tal-Kunsill.

1.7 - Dawn il-Minuti gew approvati nem.com.

## 2) Korrispondenza

2.1 – Ittra mill-Pulizija – Is-Supretendent Sharon Tanti baghtet ittra lill-Kunsill biex tinforma li s-Sur Jahann Said applika mal-Pulizija biex jintrama' c-cirku hdejn il-parkegg tac-Cimiterju tal-Addolorata mis-7 ta' Dicembru 2013 sal-5 ta' Jannar 2014.

2.2 – Ittra mit-Tribunal Ta' Revizjoni Ta' l-Ambjent u l-Ippjanar – Ms Dorianne Ciantar baghtet ittra fejn qed tinforma li l-appell li ghamel il-Kunsill Lokali Paola dwar it-tankijiet tal-petrol f'Valletta Rd, Paola ser jinstema' nhar il-Hamis 21 ta' Frar 2013.

2.3 – Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn 11 ta' Frar 2013 fis-7.30pm hemm 2 attivitajiet. Gie deciz li l-Kunsilliera Muscat u Lynch ser jattendu ghar-riceviment tal-Paola Wolves u s-Sindku u l-Kunsilliera Delezio ser jattendu l-istedina tal-Knisja.

2.4 – Ittra mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni B'Dizabilita' – Ms Rosanne Fenech baghtet tinforma lill-Kunsill li l-KNPD baghtet kotba tas-Servizzi u Beneficcji ghall-Persuni b'Dizabilita' sabiex jitqassmu lill-pubbliku.

2.5 – Ittra minn TM – Is-Sur Brincat baghat ittra dwar "*Re: Existing Double Yellow Lines on both sides of Entrance Gate of 56, Garage,* Triq il-Wied, Paola u li dawn is-sinjali saru minghajr approvazzjoni u ghaldaqstant ghandhom jitnehhew.

2.6 – Ittra minn ETC dwar il-formola ta' tmiem ta' l-impjieg ta' Ms Vincenza Bonnici.

2.7 – Il-Kunsillier Muscat staqsa kif bqajna dwar Triq Bormla. Is-Sindku qal li hemm EU Funds u Dr Malcolm Borg ser ikollu laqghat dwar dan.

2.8 – Is-Sindku qal li r-residenti ta' Triq Kordin, Corradino Flts, talbu ghat timed parking scheme. Hu kompla jghid li ser ikollu laqghat mar-residenti dwar dan.

#### 4) ***Tenders Board***

4.1 – Is-Sindku qal li mill-pubbliku ma kien nteressat hadd biex ikun parti mill-bord tal-ghazla tat-tenders u li t-tenders tal-Knis u *Public Convenience* ser jaghlqu nhar il-Gimgha 22 ta' Frar 2013 f'12.00.

4.2 – Napplikaw ghall-iskema cies - general duties.

#### 5) ***Locality Meetings***

5.1 – Gie deciz li l-laqgha tal-lokalita' ssir nhar l-Erbgha 27 ta' Frar 2013 fil-5.30pm u li ghandu jsir avviz fil-gazzetta.

#### 6) **Pagamenti**

6.1 – Is-Segretarju ressaq fuq il-mejda l-lista ta' pagamenti ghall-ammont ta' €43,777.22

6.2 - Is-Sindku nforma lill-membri prezenti li l-pagamenti ntbaghtu tard minhabba li l-iskrivana kienet bis-sick leave.

6.3 – Re: cekkijiet nri 5009 u 5010 - Il-Kunsillier Lynch staqsa dwar il-pagamenti tal-Milied f'Casal Paola. Is-Sindku u s-Segretarju taw id-dettalji.

6.4 – Il-membri prezenti approvaw.

#### 7) **Aggornament**

7.1 – Il-Laqgha giet maghluqa fit-8.00pm u aggornata ghal nhar l-Erbgha 27 ta' Frar 2013 fis-6.00pm.

Approvati llum 27-3-2013

Kevin Borg

Segretarju Ezekuttiv

Roderick Spiteri

Sindku